**QORTI CIVILI PRIM'AWLA**
**ONOR IMHALLEF ANNA FELICE**

**Illum 03 ta' Gunju, 2025**

**Rikors Nru: 454/2024 AF**

Fl-atti tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju numru 391/24 fl-ismijiet

**AC Contractors Limited**

**vs**

**Farstone Construction and Restoration Limited**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ta' Farstone Construction and Restoration Limited, li permezz tieghu, ghar-ragunijiet fih premessi, din il-Qorti ntalbet sabiex:

1. Tirrevoka l-mandat ta' sekwestru 391/24 fuq citat *in toto* jew parzjalment skond il-kaz ai termini tal-Artiklu 836(1)(d) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

2. Timponi penali ai termini tal-Artiklu 836(8)(b) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

3. Salv illi t-talba ghar-revoka tal-Mandat ma tigix milqugha, tordna lis-socjetà sekwestranti, sabiex taghti garanzija xierqa fl-ammont ta' sitta u erbghin elf Ewro (€46,000) jew kwalunkwe ammont iehor verjuri sabiex jaghmel tajjeb ghad-danni li tista' ssofri s-socjetà rikorrenti kawza tal-Mandat *de quo*.

Rat id-dokumenti annessi.

Rat ir-risposta ta' AC Contractors Limited u d-dokumenti maghha annessi.

Semghet lid-difensuri jittrattaw ir-rikors li baqa' sabiex jigi degretat *in camera*.

Ikkunsidrat illi permezz ta' din il-procedura Farstone Construction and Restoration Limited qed titlob lil din il-Qorti thassar mandat ta' sekwestru kawtelatorju mahrug fil-konfront taghha minn AC Contractors Limited sabiex din tal-ahhar tqieghed fis-sod pretensjoni taghha ghal hlas ta' xogholijiet li kellha taghmel Farstone Construction and Restoration Limited u ma ghamlitx u xogholijiet li kellhom isiru mill-gdid ghaliex ma sarux sew.

Farstone Construction and Restoration Limited issejjes it-talba taghha fuq l-Art. 836(1)(d) tal-Ligijiet tal-Malta li jipprovdi ghat-thassir ta' mandat kawtelatorju:

> *(d) jekk jintwera li l-ammont mitlub ma jkunx prima facie ġustifikat jew ikun eċċessiv;"*

Il-gurisprudenza ta' dawn il-Qrati f'materji ta' din ix-xorta hija kristalizzata u maghrufa. Il-Qorti tirreferi ghad-decizjoni ta' din il-Qorti diversament presjeduta moghtija fid-9 ta' Gunju 2022 fl-ismijiet Buhagiar et vs Axisa et u r-rassenja ta' gurisprudenza fiha maghmula.

Il-Qorti ttenni illi kull ezami li taghmel il-Qorti f'dan l-istadju huwa essenzjalment limitat ghal dak li jidher mad-daqqa t'ghajn. Inoltre, il-Qorti m'ghandhiex ixxejjen il-jedd ta' kreditur pretiz li jikkawtela l-kreditu tieghu b'kull mezz li taghtih il-ligi.

Fil-kaz in ezami jirrizulta illi AC Contractors Limited kienet ingaggat lil Farstone Construction and Restoration Limited biex taghmel xogholijiet ta' kostruzzjoni bhala "*subcontractor*" taghha. AC Contractors Limited tikkontendi illi x-xoghol ma sarx kollu u dak li fil-fatt sar, ma sarx skond is-sengha u l-arti. B'hekk l-istess AC Contractors Limited issostni li kellha tesegwixxi hi x-xoghol, issewwi xoghol iehor u wkoll irrikorriet danni li kellha thallas lil terzi minhabba hsara li tghid li grat tort ta' Farstone Construction and Restoration Limited. Dawn il-pretensjonijiet jinsabu kollha dedotti f'kontro-talba li ghamlet AC Contractors Limited f'kawza mibdija kontriha minn Farstone Construction and Restoration Limited ghall-hlas.

Fid-dawl ta' dawn ic-cirkostanzi kif jidhru li sorretti mid-dokumentazzjoni esibita, din il-Qorti ma ssibx li t-talba ta' Farstone Construction and Restoration Limited ghat-thassir tal-mandat hija gustifikata. Il-pretensjoni ghall-hlas ma tidhirx mad-daqqa t'ghajn esagerata fic-cirkostanzi. Il-Qorti mhijiex b'dan qeghda tghid li t-talba hija misthoqqa. Dak il-gudizzju jibqa' fil-mansjoni tal-Qorti li tkun qed tiddeciedi l-kawza finalment.

Finalment il-Qorti ma ssib ebda raguni twassalha biex timponi fuq is-socjetà sekwestranti l-piz ta' garanzija ghal hlas ta' danni, penali u imghax kif qed titlob is-socjetà sekwestrata.

Ghaldaqstant il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tichad it-talbiet kollha kontenuti fir-rikors ta' Farstone Construction and Restoration Limited.

L-ispejjez jibqghu rizervati ghall-gudizzju finali fil-kawza fil-mertu.

IMHALLEF